# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## CHAIRMAN DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

### Rikors Numru: 19/2023 SG

**Anette Xerri**

**vs**

**Veshi Dorian**

**Illum il-Ġimgħa, 16 ta' Fra 2024**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' Anette Xerri ppreżentat fis-7 ta' Novembru 2023 li permezz tiegħu dan il-Bord intalab:

i. *'Jiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, jiddikjara terminate, ghar-ragunijiet premessi, il-kirja moghtija mir-rikorrenti lill-intimat permezz tal-kuntratt ta' kera datat il-5 ta' Mejju 2023;*

iii. *Konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss minn dan l-istess onorabbli Bord jiżgumbra mill-fond mikri lilu u jirrilaxxa l-pussess vacant tal-istess fond a favur tar-rikorrenti;*

iv. *Jiddikjara illi l-intimat huwa veru, cert, u likwidu debitur tar-rikorrenti fis-somma globali ta' elf u sitta u għoxrin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR 1,026.27c) konsistenti in kwantu għas-somma ta' disa' mitt Ewro (EUR 900) rappreżentanti arretrai ta' kera u inkwantu għas-somma ta' mija u sitta u għoxrin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu 9EUR 126.27) rappreżentanti l-kont relattiv tad-dwal u l-ilma.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ittra numru 152/2023 fl-ismijiet Anette Xerri vs Dorian veshi, pprezentata fl-20 ta' Ottubru 2023, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-istess ittra, bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv u b' rizerva ta' kull dritt iehor t' azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat skond il-ligi."*

Ra d-dikjarazzjoni ġuramentata.

Ra li l-intimat kien debitament notifikat iżda naqas li jidher quddiem dan il-Bord sabiex jikkontesta t-talbiet imressqa fil-konfront tiegħu.

Sema' x-xhieda ta' John Vella.

Ra l-verbal magħmul fis-seduta ta' llum stess fejn ġiet irtirata r-raba' talba attriċi u dana mingħajr l-ebda preġudizzju għal kwalsiasi drittijiet li jista' jkollha r-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta li jeżistu l-elementi meħtieġa sabiex tintalab il-ħall tal-lokazzjoni u r-ripreża tal-pussess liberu u battal tal-proprjeta' mertu ta' dan ir-rikors ġuramentat. L-intimat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet avvanzati kontrih.

It-talbiet tar-rikorrenti huma mistħoqqa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti fl-intier tagħhom u qiegħed jipprefiġġi terminu perentorju ta' ġimgħa millum

għall-iżgumbrament mill-fond bl-isem ta' 'Xerri' Triq Patri Odorik Grima, Għajnsielem, Għawdex. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba tar-rikorrenti.

Spejjeż kif mitluba a karigu tal-intimat.

(ft) Dr. Simone Grech
Chairman

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

16.02.2024 – Bord19.2023 – Xerri Anette vs Veshi Dorian
429